MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Talba Numru. 719/2014

**Banif Bank (Malta) plc**
**C 41030**

**Vs**

**Saviour Bartolo**
**K.I. Nru. 96072(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut hu debitur tal-kumpannija attrici fis-somma ta' elf mitejn, wiehed u erbghin Ewro iu centezmu (€1,241.01) liema somma tikkonsisti fis-segwenti:

1. Fuq is-Savings Account Nru. 57398.18.001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-account opening form markata bhala Dok.'A'), hemm dovut l-ammont ta' tliet mija, hamsa u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€325.30) li sat-23 ta' Ottubru, 2014 kien jinkludi mghaxijiet ta' Ewro u tmienja u disghin centezmu (€1.98) (ara l-istatement bankarju mmarkat bhala Dok.'B');

2. Fuq il-Loan Account Nru. 57398.71.001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici, hemm dovut l-ammont ta' disa' mija u hmistax-il ewro u wiehed u sebghin centezmu (€915.71) li sat-23 ta' Ottubru kien jinkludi imghaxijiet ta' mija u erbgha u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€144.81) ara l-istatement bankarju markat bhala Dok.'C').

L-ammont dovut fuq is-Savings Account fuq l-imsemmi jikkonsisti fi spejjez bankarji relatati mad-dejn tal-konvenut.

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok.'D') marbuta mas-Savings Account u ta' l-Artikolu 11(v) tal-Loan Agreement marbuta mal-Loan Account (ara Dok.'E') u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of defaults imsemmija fl-istess Loan Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

1) "a) Default by the Burrower/s in the payment of any amont of prinicipal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

   b) The Burrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

   n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Burrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the terms of the agreement regulating the Facility";

Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittri legali datati 30 ta' Mejju 2015 ( ara Dok. 'F'), u 24 ta' Gunju 2014 (ara Dok. 'G') u ittra ufficjali numru 2834/2014 9ara Dok. 'H') mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), l-ittra ufficjali baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan, izda l-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk din is-smma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghakldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal jogghbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma ta’ elf mitejn, wiehed u erbghin Ewro iu centezmu (€1,241.01) u li konsegwentament jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

Bl-imghaxijiet mit-23 ta’ Ottubru 2014, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata t’ghaxra fil-mija (10%) fis-sens kwantu dak dovut fuq is-Savings Account u bir-rata ta’ ghaxra punt hamsa fil-mija (10.5%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Loan Account u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skond kif jinghad fil-Conditions of Use (imsemmi aktar ‘il fuq) u t-Tariff of Charges (Dok. ‘I’) relattivi ghas-Savings Account u fil-Loan Agreement (imsemmi aktar ‘il fuq) u t-Tariff of Charges (ara Dok. ‘J’) relattivi ghal-Loan Account.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali u l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1789/2014 ipprezentat kontestwalment maghha.

Il-konvenut qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b’riserva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Vanessa Bugeja ghas-socjeta' attrici li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub ta' elf mitejn, wiehed u erbghin Ewro iu centezmu (€1,241.01) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf mitejn, wiehed u erbghin Ewro iu centezmu (€1,241.01) oltre l-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez ukoll ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------